MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 173/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Aaron Schembri (K.I. 101584M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u dsatax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu (€319.81) in konnessjoni ma’ Bundle 2 Service Agreement (AC40088014), u li jinkludi telefon 21690010 u servizz ta’ ADSL, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 4 ta’ Frar, 2008; illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis- 27 ta’ Settembru, 2012 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlett mija u dsatax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu (€319.81) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------